# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru, 2001.

### Citazzjoni numru : 97/2001G1(PC)

**Chongqing International Economic & Technical Cooperative Corporation of China .**

**Vs**

**Louis Farrugia .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :**

**Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' disat elef seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm9724.64) bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' chef ipprovduti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta ghall-perjodu bejn Lulju 1996 u l-21 ta' April, 2001 kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dok. HB1 .**

**Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi izda baqghet inadempjenti .**

**Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib kontra d-domanda ta' l-istanti .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta' attrici u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili .**

2. **Tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disat elef seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm9724,64) salvi imghaxijiet mid-data tas-16 ta' Lulju, 1996 sad-data tal-hlas effettiv .**

3. **Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm9,724.64) bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' chef provduti lis-socjeta' konvenuta .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Han Bin bhala direttur manigerjali tas-socjeta' attrici, ikkonfermata minnu bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess citazzjoni, inkluz l-affidavit ta' l-istess Han Bin ghan-nom tas-socjeta' attrici .**

**Rat in-nota ta' l-istess socjeta' attrici pprezentata llum stess li permezz taghha t-talba giet ridotta ghas-somma ta' sitt elef lira (Lm6000), salvi imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti sad-data tal-hlas effettiv .**

**Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Louis Farrugia pprezentata llum ukoll, li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici fl-ammont sitt elef lira, bl-ispejjez .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti, tiddikjara lill-konvenut Louis Farrugia debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6000) salvi l-imghaxijiet legali mid-data tas-16 ta' Lulju, 1996 sad-data tal-pagament effettiv, u ghal hekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' chef ipprovduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut, bl-imghaxijiet mid-data tas-16 ta' Lulju, 1996 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S97/01G1(pc)
430